MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2006

Appell Kriminali Numru. 114/2006

**Il-Pulizija**
**Vs**

**Joseph Mary Salerno**
**Joseph Annati**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, fit-22 ta' Settembru 2004**

**1) xjentement ghenu jew kellhom x'jaqsmu filli jigu mwarrba jew irtirati kontra l-ligi, kwantita ta' sigaretti bla dazju, kif jidher hawn taht minn lok ta' kustodja fejn kienu depozitati, u cioe**

**(a) hamsin kartuna b'ghaxar pakketti b'ghoxrin sigarett kull pakkett Silk Cut,**
**(b) hamsin kartuna b'ghaxar pakketti b'ghoxrin sigarett kull pakkett Dunhill International,**
**(c) mitt kartuna b'ghaxar pakketti b'ghoxrin sigarett kull pakkett Rothmans,**
**(d) u hamsin kartuna b'ghaxar pakketti b'ghoxrin sigarett kull pakkett Benson & Hedges;**
**(A) Illi dawn s-sigaretti ghandhom Valur, Dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud [VAT] u cioe Valur ta' mija tnax il-lira u hamsin centezmu, Dazju tas-Sisa ta' erbgha mija tnejn u hamsin lira u hamsa w ghoxrin centezmu, u VAT fl-ammont ta' mija u lira u sitta w sittin centezmu;**
**(B) Valur ta' mija hamsa w ghoxrin lira, Dazju tas-Sisa ta' erbgha mija u sebgha liri u hamsin centezmu u VAT fl-ammont ta' hamsa w disghin lira u hamsa w tmenin centezmu;**
**(C) Valur ta' mitejn u hamsa w ghoxrin lira, Dazju tas-Sisa ta' disgha mija w erbgha liri u hamsin centezmu u VAT fl-ammont ta' mitejn u tlett liri u wiehed u tletin centezmu;**
**(D) Valur ta' mija u hamsa w ghoxrin lira, Dazju tas-Sisa fl-ammont ta' erbgha mija tnejn u hamsin lira u hamsa w ghoxrin centezmu u VAT fl-ammont ta' mija u tlett liri u wiehed u disghin centezmu. Illi dawn s-sigaretti li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma projbiti u/jew ristretti u/jew limitati, ghandhom valur totali ta' hames mija sebgha w tmenin lira u hamsin centemzu, Dazju tas-Sisa dovut ta' elfejn mitejn u sittax il-lira u hamsin centezmu u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ta' hames mija u erbgha liri u tlieta w sebghin centezmu rispettivament liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata bi ksur tal-artikolu 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud.**

**2) fl-istess data, xjentement laqghu ghandhom, gew fil-pussess, zammew, bieghu u/jew xjentement hallew jew ittolleraw jew gieghlu jew fittxu li jigu milqugha, mizmuma l-oggetti in kwistjoni u dan bi hsieb li jevadu d-Dazju, s-Sisa u t-Taxxa fuq il-Valur mizjud**

**[VAT] dovuti lil Gvern ta’ Malta fuq is-sigaretti in kwistjoni jew parti minnhom.**
**Illi l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni JBC 253 li ntuzat bhala mezz ta’ garr tal-oggetti fuq imsemmija kif wkoll l-istess oggetti gew maqbuda mid-Dwana fil-presenza tal-istess Joseph Annati u Joseph Mary Salerno;**
**3) ukoll talli fix-xhur ta’ qabel id-data fuq imsemmija kellhom fil-pussess u iddissponew minn sigaretti bla dazju;**
**Dan bi ksur tal-Artikoli 60(c)(e)(k), 62(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1), 69(1)(2) u l-paragrafu (a) tal-proviso ta’ l-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37) u l-Artikoli 16(1)(j) u 17(a) ta’ l-Att XVI ta’ l-1995 Dwar Dazju tas-Sisa.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-29 ta’ Marzu, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 60(c)(e)(k), 62(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1), 69(1)(2), 62(1)(a) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta w l-Artikoli 16(1)(j) u 17 tal-Att XVI tal-1995 dwar Dazju tas-Sisa, sabet lill-appellati hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghhom, fuq ammissjoni taghhom stess, u kkundannat lil kull appellat ghal hlas ta’ multa ta’ tlett elf, tmien mija, sitta w disghin lira w tlieta w sebghin centezmu (LM3896.73) u ghal piena karcerarja ta’ gimgha sospiza ghal sitt xhur bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tat il-fakulta lill-appellati jhallsu l-multa inflitta fis-sentenza f’rati mensili w konsekuttivi ta’ mija w hamsin lira Maltin, bl-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-tletin (30) ta’ Marzu, 2006. F’kaz li jonqsu li jaghmlu imqar pagament wiehed, il-bilanc ghandu jigi konvertit f’perjodu ta’ prigunerija minnufih.
Il-Qorti ordnat ukoll li ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kopja ta’ din is-sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali, minnu pprezentat fis-6 t'April, 2006, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma w tibdel is-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha ghal dik li tirrigwarda s-sejbin ta' htija tal-appellati w fejn ikkundannathom ghall-hlas ta' multa rispettiva w ghall-perjodu ta' prigunerija sospiza, thassaraha w tirrevokaha f'dik il-parti fejn ma ordnatx ukoll il-konfiska tat-truck bin-numru JBC-253 in kwistjoni, u minflok, tohrog l-ordni ta' konfiska tal-vettura in kwistjoni, w tikkonfermaha fil-bqija.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravju tal-Avukat Generali jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti erronjament ma ordnatx il-konfiska tal-vettura bin-numru JBC-253 ghar-raguni li din ma kienetx proprjeta' tal-imputati jew ta' xi wiehed minnhom, izda tal-principal taghhom. Pero' skond l-artikoli 68 u 69 tal-Kap.37, il-konfiska ta' kull vettura jew hag' ohra li xjentement tkun giet uzata fil-habi jew trasport ta' oggetti li fuqhom ma tkunx giet imhallsa u/jew kawelata id-dazju jew it-taxxa tas-sisa, hija wahda tassattiva. Taht din il-ligi specjali ma hemm ebda limitazzjoni jew eccezzjoni ghal tali konfiska kif hemm – taht cirkostanzi ohra f' dak li jipprovdi l-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali. Dak li jrid jigi pruvat mill-prosekuzzjoni, kif fil-fatt gie pruvat u accettat mill-Ewwel Qorti f' dan il-kaz huwa biss u semplicement li l-imputati xjentement kienu ghamlu uzu minn tali vettura, irrisspettivament minn lil min jappartjeni l-istess van jew truck, jew jekk kienx direttament jew indirettament konsapevoli ta' dak li kienu qeghdin jaghmlu l-imputati. Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex xelta hlief li tordna l-konfiska tal-vettura mertu ukoll ta' dan il-proceduri.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti fis-seduta tal-lum;**

**Rat il-verbal li bih Dr. Roberto Montalto ghall-appellati ddikjara li l-Avukat Generali ghandu ragun fuq il-bazi**

**legali tal-appell tieghu, b'dan pero' li ghar-ragunijiet li kien ser isemmi waqt it-trattazzjoni, xorta wahda ma kellix issehh il-konfiska.**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Li f'dan il-kaz il-fatt li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBC 253 intuzat bhala mezz ta' garr tal-oggetti li fuqhom ma kienx thallas id-dazju jissemma espressament fl-akkuza dedotta kontra l-appellati, liema akkuza giet minnhom ammessa bla ebda rizervi (fols. 12 u 13 tal-process).**

**Inoltre skond il-verbal a fol. 11, il-prosekuzzjoni esebiet l-imsemmija vettura Fiat Ducato JBC 253 formalment, flimkien mad-dokument tal-qbid taghha mid-dwana (Dok. P a fol. 14).**

**Ghalhekk hawn ma jistax ikun hemm l-icken dubju dwar l-identita' jew l-identifikazzjoni tal-vettura esebita, kif donnu qed jissottometti l-abbli difensur tal-appellati. Illi mbaghad gie dejjem ritenut li l-fatt li l-oggett ma jigix esebit materjalment mhux ostakolu ghall-konfiska (ara "Il-Pulizija vs. Noel Farrugia" App. Krim 3.2.1995 u ohrajn).**

**Illi kif issottometta l-Avukat Generali dawn il-proceduri huma mibdija taht il-Kap. 37 tal-Ligijiet ta'Malta, li hu ligi specjali w, bhala tali, jidderoga ghall-ligi ta' applikazzjoni generali, bhal ma hu l-Kodici Kriminali. Fost id-dispozizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, hemm l-artikoli 68 u 69, li jittrattaw dwar il-konfiska. L-artikolu 68 partikolarment jiddisponi li :-**

***"(1) Il-bastimenti<u>, il-vetturi jew mezzi ohra ta' garr</u>, flimkien maz-zwiemel jew annimali u hwejjeg ohra <u>li jkun sar xjentement uzu minnhom fl-importazzjoni, fl-izbark, fit-twarrib, jew fil-garr ta' oggetti li d-dazju taghhom ma jkunx imhallas</u>, jew li jkunu, taht din l-***

***Ordinanza, suggetti ghall-konfiska, ghandhom jigu konfiskati."*** **(sottolinear tal-Qorti).**

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha fil-kawza** "Il-Pulizija vs. Massimo Drago" **[22.1.2004], fejn kien sar appell fuq punt identiku, l-unika eccezzjoni li taghmel il-ligi fil-proviso ghal dan is-sub-inciz hija fir-rigward ta' bastimenti li jkunu jaqbzu certu tunnellag nett, li ovvjament mhux applikabbli ghall-kaz odjern. Ma hemm ebda kwalifika jew eccezzjoni bhal ma hemm fis-sub-inciz (1) tal-art. 23 tal-Kodici Kriminali, li johloq ezenzjoni mill-konfiska tal-*corpus delicti* , meta persuna, li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dak l-oggett.**

**Ghalhekk, kif gustament jissottometti l-Avukat Generali, l-Ewwel Qorti ma setghetx iddecidiet kif iddecidiet billi bbazat fuq l-art. 23 tal-Kap.9, stante li l-konfiska hija proprju kontemplata tassattivament u bla eccezzjoni taht l-0rdinanza tad-Dwana, Kap. 37, li fuqha hu imsejjes dan il-kaz u konsegwentement hi kellha tapplika din il-ligi specjali w tordna l-konfiska tat-*truck* in kwistjoni, kif del resto kienet obbligata li taghmel skond l-artikoli 68 (1) u 69 (1) u (2) tal-Kap.37, citati minnha stess bhala l-artikoli li rat, meta giet biex issib il-htija w taghti l-piena.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fl-intier taghha, ghajr ghall-parti fejn iddecidiet li ma tilqax it-talba tal-Prosekuzzjoni ghall konfiska tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBC 253 u, minnflok, wara li rat l-art. 68 u 69 tal-Kap. 37, tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn ma laqghetx it-talba ghall-konfiska w minnflok tordna l-konfiska tal-istess vettura skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------